



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Mejju 2015
(OR. en)

9242/15

DEVGEN 82
SOC 348
ACP 86
ONU 71
RELEX 427

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sessi fl-Iżvilupp

Fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Mejju 2015, il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tal-Kunsill li jinsabu fl-Anness għal din in-nota.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sessi fl-Iżvilupp

1. L-2015 hija sena kruċjali għall-ugwaljanza bejn is-sessi, id-drittijiet tal-bniedem u t-tiżiż tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet fil-kuntest globali, b'negozjati intergovernattivi dwar l-aġenda għall-iżvilupp għal wara l-2015. F'dan il-kuntest, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-promozzjoni u r-realizzazzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet, b'mod partikolari fid-dawl tal-15-il anniversarju tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, u l-20 anniversarju mill-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, il-Programm ta' Azzjoni tal-Kajr, u l-eżiti tal-konferenzi għar-reviżjoni tagħhom, u l-osservanza tal-obbligi skont il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa. Barra minn hekk, huwa jilqa' d-Dikjarazzjoni Politika adottata fid-59 sessjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa, u t-talbiet sabiex in-nisa u l-bniet jiksbu b'mod sħiħ u ugwali d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha, għall-ugwaljanza bejn is-sessi u għat-tiżiż tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet matul iċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom.
2. L-Avveniment ta' Livell Għoli dwar 'It-Tiżiż tal-Pożizzjoni tan-Nisa u l-Iżvilupp Sostenibbli', li l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea laqgħet f'Riga fit-2 ta' Marzu 2015 fil-kuntest tas-Sena Ewropea għall-Iżvilupp, ta opportunità għat-tiġdid tal-impetu politiku u l-affermazzjoni mill-ġdid tal-impenn qawwi tal-UE għall-ugwaljanza bejn is-sessi, il-ġustizzja soċjali, in-nondiskriminazzjoni u d-drittijiet tal-bniedem.

3. L-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati għall-promozzjoni, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem kollha għal kulħadd. Il-Kunsill jilqa' r-rwol ewlieni li l-UE u l-Istati Membri tagħha qegħdin iwettqu permezz tal-appoġġ tagħhom għall-inizjattivi internazzjonali ta' promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet, l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet, u jappella biex jibqa' jkun hemm kooperazzjoni u koordinazzjoni mal-korpi tan-NU, b'mod partikolari UN Women, kif ukoll ma' fora u atturi internazzjonali rilevanti oħra. L-organizzazzjonijiet tan-nisa huma sħab kruċjali tal-UE f'dak li jirrigwarda r-realizzazzjoni sħiħa tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet, l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet.
4. Il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa għal approċċ ambizzjuż u trasformattiv sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin u l-fatturi ta' riskju tal-inugwaljanza bejn is-sessi, id-diskriminazzjoni u l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet. Il-Kunsill itenni li d-drittijiet tan-nisa u l-bniet, l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet għandhom ikunu fil-qalba tal-aġenda għal wara l-2015, kemm bħala għan fih innifsu, kif ukoll bħala kwistjoni trasversali, li għandhom jiġu integrati fil-miri u l-indikaturi tal-Għanijiet kollha ta' Żvilupp Sostenibbli. Għandhom ikunu wkoll element essenzjali tal-mezzi ta' implimentazzjoni finanzjarji u dawk mhux finanzjarji u tal-mekkaniżmi għar-reviżjoni, il-monitoraġġ u l-obbligu ta' rendikont tal-aġenda għal wara l-2015. Il-Kunsill jisħaq ukoll fuq l-importanza ta' allinjament mal-Finanzjament għall-Iżvilupp, b'mod partikolari fid-dawl tat-tielet Konferenza Internazzjonali li ser issir dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp f'Addis Ababa f'Lulju 2015.
5. Il-Kunsill jenfasizza li l-ugwaljanza bejn is-sessi hija kemm għan fih innifsu kif ukoll mezz għall-ksib tal-iżvilupp sostenibbli, u jenfasizza li l-oġettivi ambizzjużi għad-drittijiet tan-nisa u l-bniet, l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet għandhom jikkorrispondu ma' mezzi ta' implimentazzjoni finanzjarji u mhux finanzjarji xierqa, u ma' impenn politiku qawwi mill-atturi kollha u fil-livelli kollha. Għandha ssir integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u għandhom jittieħdu azzjonijiet konkreti biex jiġu implimentati u jittejbu l-politiki, programmi u regolamenti li jwieġbu għal kwistjonijiet ta' ġeneru, inkluż ibbaġitjar li huwa sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru u li jindirizza l-inugwaljanzi.

6. Il-Kunsill jisħaq fuq il-fatt li d-drittijiet tan-nisa u l-bniet, l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet għadhom prijorità politika għall-azzjoni esterna tal-UE u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħha, u għandhom ikunu msaħħa u koerenti fl-oqsma kollha mingħajr eċċezzjoni. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-adozzjoni ta' approċċ integrat bi tliet elementi li jgħaqqad b'mod effettiv l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-istadji kollha tal-politiki u l-programmi tal-iżvilupp tal-UE, kif ukoll fil-proċessi ta' programmar konġunt, l-azzjonijiet marbutin b'mod speċifiku mal-ugwaljanza bejn is-sessi, u d-djalogu politiku u ta' politika mal-pajjiżi sħab kollha.
7. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li tiġi żgurata koerenza bejn il-politiki interni u esterni tal-UE fil-livelli kollha biex jiġi żgurat li n-nisa, il-bniet u gruppi bħal LGBTI jgawdu d-drittijiet tagħhom. B'mod partikolari, il-Kunsill itenni l-ħtieġa li tiġi żgurata l-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp u l-konsistenza bejn il-Pjan ta' Azzjoni li jmiss dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, is-suċċessur tal-Pjan ta' Azzjoni attwali tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa fl-Iżvilupp (GAP), l-approċċ komprensiv għall-implimentazzjoni mill-UE tar-Riżoluzzjonijiet 1325 u 1820 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, l-istrateġija l-għdida tal-politika għall-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE għal wara l-2015, u r-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Istrateġija Ewropa 2020.
8. Il-Kunsill jafferma mill-għdid l-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha għall-eliminazzjoni ta' kull forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet, inkluż bl-abolizzjoni ta' liġijiet, politiki, normi u prattiki diskriminatorji li jirrestrinġu l-parteċipazzjoni u l-influwenza politiċi, ekonomiċi u soċjali sħaħ tan-nisa fil-livelli kollha tas-soċjetà. Għandha tingħata wkoll attenzjoni speċjali għad-diskriminazzjoni multipla kontra n-nisa u l-bniet u l-marġinalizzazzjoni tagħhom.
9. Il-Kunsill itenni l-importanza ta' implimentazzjoni sħiħa tal-linji gwida tal-UE dwar il-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet u l-għieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontribom. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet fl-isfera pubblika u f'dik privata, inkluż it-traffikar tal-bnedmin, il-vjolenza domestika, il-prattiki dannużi bħall-mutilazzjoni/qtuġh ġenitali femminili, u ż-żwieġ tat-tfal, dak prekoċi u furzat. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-vjolenza sessista f'sitwazzjonijiet ta' konflitt u ta' wara konflitt, inkluża l-vjolenza sesswali.

10. Il-Kunsill jibqa' impenjat għall-promozzjoni, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem kollha u għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-ICPD u l-eżiti tal-konferenzi għar-reviżjoni tagħhom u jibqa' impenjat għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi (SRHR), f'dan il-kuntest. B'kont meħud ta' dan, il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u t-twettiq tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq u jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwar kwistjonijiet marbutin mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, filwaqt li jkunu ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. Il-Kunsill jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa għal aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni komprensivi ta' kwalità u bi prezz aċċessibbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluża edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u servizzi tal-kura tas-saħħa. Il-Kunsill jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE biex ikomplu bil-ħidma tagħhom fuq dawn il-kwistjonijiet f'konformità mal-prinċipji tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp. Il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza biex isir avvanz fil-fehim tal-komponenti u l-elementi relatati mal-SRHR fil-politika għall-iżvilupp tal-UE u jistieden lill-Kummissjoni biex fi żmien sena tirrapporta lura lill-Kunsill dwar din il-kwistjoni.
11. L-UE tirrikonoxxi l-interkonessjonijiet bejn il-paċi, is-sigurtà, l-iżvilupp u l-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll ir-rwol tan-nisa fil-prevenzjoni u r-risoluzzjoni ta' konflitti, fin-negozjati dwar il-paċi, fil-medjazzjoni u fil-konsolidazzjoni tal-paċi. L-UE hi impenjata li żżid il-parteċipazzjoni tan-nisa fin-negozjati dwar il-paċi u fil-konsolidazzjoni tal-paċi, b'mod partikolari billi tappoġġa r-rwol tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet tan-nisa fil-livell lokali.

12. Il-Kunsill itenni l-impenn qawwi tal-UE għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-KSNU u jappella għal eżitu ambizzjuż mir-Rieżami ta' Livell Għoli tar-Riżoluzzjoni f'Ottubru 2015. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tittieħed aktar azzjoni għall-integrazzjoni tal-perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi f'kull stadju, element u strument tal-aġenda dwar il-paċi u s-sigurtà tal-UE, kif ukoll li jiżdedu l-kompetenzi esperti u r-riżorsi fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet imwettqa fil-kuntest tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) u jinkoraġġixxi l-monitoraġġ tal-prestazzjoni permezz ta' punti ta' riferiment u miri kwantitattivi u kwalitattivi. Il-Kunsill jilqa' l-ħsieb tar-RGħ/VP li fl-analiżi li jmiss tas-SEAE tistabbilixxi funzjoni ta' livell għoli ddedikata għall-UNSCR 1325 u kwistjonijiet marbutin mal-ugwaljanza bejn is-sessi.
13. Il-Kunsill jirrikonoxxi li n-nisa u l-bniet huma affettwati b'mod sproporzjonat mil-livell ta' insigurtà dinjija tal-ikel u n-nutrizzjoni u l-impatt tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-attenzjoni xierqa li qiegħda tingħata lil dawn l-impatti fir-reazzjoni tal-UE għall-emerġenzi umanitarji u f'politika u programmar usa' tal-iżvilupp, inkluż it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll ir-rwol ċentrali tan-nisa bħala produttori tal-ikel, b'mod partikolari bħala bdiewa fuq skala żgħira.
14. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-adozzjoni ta' approċċ olistiku u inklużiv li jippromwovi d-drittijiet tan-nisa u l-bniet, l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet fl-isferi kollha tas-soċjetà u tul iċ-ċiklu ta' ħajjithom, abbażi tal-isħubijiet ta' diversi partijiet interessati ma' atturi privati u pubbliċi, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-assoċjazzjonijiet professjonali, is-settur privat u l-qasam akkademiku.
15. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġu promossi l-parteeċipazzjoni u t-tmexxija sħaħ tan-nisa fil-livelli kollha tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-ħajja politika, ekonomika, pubblika u privata. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li jiġu promossi u protetti l-ispazju għall-azzjoni kollettiva u l-ħidma tas-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-organizzazzjonijiet tan-nisa u dawk ibbażati fil-komunità għal-lobbying u għas-sostenn tad-drittijiet tan-nisa u l-progress u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet.

16. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-investment fi u l-iżgurar tal-aċċess tan-nisa u l-bniet għall-edukazzjoni primarja, sekondarja u terzjarja ekwa u ta' kwalità u l-kisba tagħhom ta' din l-edukazzjoni, f'ambjent ta' taġlim sikur u ekwu li huwa transformattiv fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll taħriġ tekniku u vokazzjonali u opportunitajiet ta' taġlim tul il-ħajja.
17. Barra minn hekk, il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza li jkun żgurat aċċess suffiċjenti u effettiv tan-nisa u l-bniet għal servizzi essenzjali oħra ta' kwalità, inkluża l-kura tas-saħħa li tkopri s-servizzi marbutin mal-prevenzjoni, it-trattament, il-kura u l-appoġġ komprensivi tal-HIV/AIDS, kif ukoll għal ilma nadif u faċilitajiet sanitarji adegwati.
18. Il-Kunsill jirrikonoxxi li t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa hija għan fih nnifsu u prekondizzjoni għall-kisba ta' żvilupp sostenibbli u tkabbir inklużiv. Il-Kunsill jisħaq fuq ir-rwol importanti tas-settur privat li jipprovdi appoġġ finanzjarju, taħriġ u opportunitajiet ta' impjieg lin-nisa kif ukoll li jippromwovi responsabbiltà soċjali korporattiva li twieġeb għall-kwistjonijiet ta' ġeneru. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li jinholq ambjent abilitanti, b'mod partikolari bit-tneħħija tal-ostakoli soċjali u legali għall-aċċess tan-nisa għall-assi tal-produttività, inklużi l-art u riżorsi naturali u ekonomiċi oħra, bil-promozzjoni tal-inklużjoni finanzjarja, kif ukoll sistemi ta' protezzjoni soċjali adegwati u aċċessibbli għan-nisa ta' kull età, u standards diċenti tax-xogħol inkluża paga ugwali għal xogħol ugwali. Il-Kunsill jissottolinja wkoll l-importanza li jingħata appoġġ lill-intraprenditorija tan-nisa, inkluż permezz ta' servizzi, faċilitajiet u taħriġ inklużivi finanzjarji u għall-iżvilupp ta' negozju, u l-użu ta' teknoloġiji abilitanti bħall-ICTs.
19. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li jiġu involuti l-irġiel u s-subien u li jiġu promossi l-involviment u r-responsabbiltà attivi tagħhom fir-rigward tal-appoġġ għall-bidla fl-imġiba, l-indirizzar tan-normi soċjali diskriminatorji u l-ġlieda kontra l-isterjotipi tas-sessi. Il-Kunsill jissottolinja, b'mod partikolari, il-ħtieġa li jinkisbu rikonoxximent aħjar u kondiviżjoni ugwali tal-kura bla ħlas u x-xogħol domestiku bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll teħid ta' deċiżjonijiet b'mod ugwali fil-familji. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jirreferi wkoll għall-Konvenzjonijiet rilevanti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO)¹.

¹ Konvenzjonijiet tal-ILO Nri 100, 111, 183, 189

20. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li tkompli tissaħħaħ il-ħidma fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tiżiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet fl-oqsma kollha tal-iżvilupp sostenibbli, inklużi t-tibdil fil-klima, il-politika makroekonomika, is-suq tax-xogħol, l-iżvilupp tas-settur privat, il-kummerċ, il-mezzi tal-ġħajxien, l-agrikoltura, l-enerġija, it-trasport, l-infrastruttura u l-iżvilupp urban.
21. Il-Kunsill jieħu nota tar-raba' rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tiżiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa fl-Iżvilupp 2010-2015², li jkopri l-perijodu minn Lulju 2013 sa Ġunju 2014. Il-Kunsill jilqa' l-progress li qiegħed isir f'oqsma bħad-djalogu politiku, il-koordinazzjoni, is-sħubijiet u l-pożizzjoni b'saħħitha tal-UE dwar l-aġenda għal wara l-2015. Madankollu, il-Kunsill jesprimi tħassib dwar l-implimentazzjoni kajmana ħafna u mhux kompluta tal-Pjan ta' Azzjoni u n-nuqqas ta' progress fir-rigward ta' kwistjonijiet bħall-analiżi, l-istatistika, il-monitoraġġ, it-traċċar tal-finanzjament, it-twettiq u l-impatt fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-Kunsill iħegħeġ lill-Kummissjoni biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport u jistenna b'interess rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-GAP attwali.
22. Il-Kunsill jilqa' wkoll ir-rapport dwar l-Evalwazzjoni tal-Appoġġ tal-UE għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tiżiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa fil-Pajjiżi Sħab għall-perjodu 2007-2013. Il-Kunsill jieħu nota tas-sejbiet u l-konklużjonijiet tar-rapport u jħegħeġ lill-Kummissjoni u s-SEAE jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin tiegħu, b'mod partikolari fis-suċċessur tal-GAP attwali, billi jibdew b'reazzjoni żviluppata ta' ġestjoni. Il-Kunsill jinsab imħasseb dwar il-prestazzjoni tal-bieċa l-kbira tad-Delegazzjonijiet tal-UE li mhumiex qegħdin jieħdu biżżejjed inkunsiderazzjoni l-ugwaljanza bejn is-sessi, pereżempju billi ma jimplimentawx valutazzjonijiet obbligatorji dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-Monitoraġġ Orjentat lejn ir-Riżultati.

² ST 5732/15

23. Il-Kunsill jappella għal impenn u tmexxija mġedda min-naħa tal-Kummissjoni u s-SEAE fir-rigward tal-ambizzjoni tal-UE biex jinkisbu l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li tingħata prijorità lill-ugwaljanza bejn is-sessi, jiġu inkoraġġiti l-aħjar prattiki, jissaħħu l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza, u jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet kollha ta' programmar huma bbażati fuq l-evidenza u marbutin mar-riżultati. B'mod partikolari, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u s-SEAE jieħdu aktar azzjoni sinifikanti għat-tisħiħ tar-rwol u r-responsabbiltà tad-delegazzjonijiet tal-UE u l-prijoritizzazzjoni u l-investment f'analiżi ta' kwalità għolja tal-ugwaljanza bejn is-sessi bħala l-bażi tal-istrateġiji, l-ipprogrammar u d-djalogu ta' politika u politiku fil-livell nazzjonali.
24. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u segwitu strateġiċi u l-ħtieġa li jiġi ċċarat u msaħħaħ ir-rappurtar, inklużi l-istatistika, l-arranġamenti ta' obbligu ta' rendikont u r-reazzjonijiet amministrattivi sabiex jinkisbu riżultati. B'mod partikolari, il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu definiti miri ċari u indikaturi sinifikanti, imkejla b'data diżaggregata skont is-sess, l-età u fatturi oħra, kif ukoll li jittejbu t-traċċar tal-allokkazzjonijiet u l-infiq baġitarji u l-kejl tar-riżultati. Fl-istess ħin, għandhom isiru sforzi biex ikun hemm konnessjonijiet mill-qrib u konsistenti mal-aġenda għal wara l-2015 u l-Qafas il-ġdid tar-Riżultati tal-UE fl-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali. Il-Kunsill jisħaq li għandha ssir aktar enfasi fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-Qafas tar-Riżultati tal-UE u jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta fuq bażi ta' indikaturi diżaggregati skont is-sess u l-età.
25. Il-Kunsill jappella għal approċċ abbażi tad-drittijiet tal-bniedem li huwa msaħħaħ u aktar strateġiku, li fih il-prijoritajiet transformattivi ewlenin biex tiġi ttrattata l-inugwaljanza bejn is-sessi u jiġu indirizzati l-lakuni eżistenti għall-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni u r-realizzazzjoni sħiħa tal-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-bniet kollha. Il-Kunsill jistenna b'interess suċċessur ambizzjuż u robust għall-GAP attwali, li jkopri l-perjodu mill-2016 sal-2020. Il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa li l-progress tal-GAP attwali jintuża bħala bażi u li filwaqt li jinżamm l-approċċ bi tliet elementi, jiġu applikati t-tagħlimiet meħuda u jiġu indirizzati b'mod sħiħ in-nuqqasijiet u l-isfidi li jifdal, kif ukoll li ssir enfasi fuq ir-riżultati. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li s-suċċessur tal-GAP attwali jirrifletti b'mod sħiħ l-azzjoni esterna tal-UE. Il-Kunsill jilqa' u jkompli jinkoraġġixxi l-approċċ inklużiv li qiegħed jiġi adottat mill-UE u l-Istati Membri tagħha, u jistenna b'interess il-ħidma li qiegħda titwettaq bħalissa mill-Grupp ta' Ħidma bil-ħsieb li jitħejja l-GAP il-ġdid.

26. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani sabiex jitwettqu b'mod sħiħ l-impenji tal-UE fir-rigward tad-drittijiet tan-nisa, l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet. Barra minn hekk, il-Kunsill itenni li jeħtieġ jinbidlu l-kulturi istituzzjonali u tissaħħaħ it-tmexxija politika u jiżdiedu l-kapaċità, il-koordinazzjoni, il-koerenza, il-komplementarjetà u l-obbligu ta' rendikont sabiex l-UE u l-Istati Membri tagħha jkunu jistgħu jmexxu bl-eżempju.
-